

# ATTI ADOTTATTI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIJONI NRU 1/2019 TAL-KUMITAT TAL-FSE

**stabbilit mill-Ftehim interim bil-għan ta' Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Parti Afrika Ċentrali, min-naħa l-oħra,**

**fit-18 ta' Frar 2019**

**rigward l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea [2019/384]**

IL-KUMITAT TAL-FSE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim interim bil-għan ta' Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Parti Afrika Ċentrali, min-naħa l-oħra, (il-“Ftehim”), iffirmat fi Brussell fil-15 ta' Jannar 2009, u applikat fuq bażi proviżorja mill-4 ta' Awwissu 2014, u b'mod partikolari l-Artikoli 100, 102 u 107 tiegħi,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jikkonċerna l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (“l-Unjoni”), u l-att ta’ adeżjoni tal-Ftehim iddepożitat mir-Repubblika tal-Kroazja fit-8 ta’ Novembru 2017,

Billi:

- (1) Skont it-termini tal-Ftehim u ta’ din id-Deċiżjoni, il-Parti Afrika Ċentrali hija magħmula mir-Repubblika tal-Kamerun.
- (2) Il-Ftehim japplika, minn naħa, għat-territorji li fihom jiġi applikat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Trattat u, min-naħa l-oħra, għat-territorju tar-Repubblika tal-Kamerun.
- (3) Skont l-Artikolu 102(3) tal-Ftehim, il-Kumitat tal-FSE jista’ jiddeċiedi dwar kwalunkwe miżura emendantorja li tista’ tkun meħtieġa wara l-adeżjoni ta’ Stati Membri ġoddha mal-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

Ir-Repubblika tal-Kroazja, bħala Parti mill-Ftehim, għandha, bl-istess mod bħall-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni, rispettivament, tadotta u tieħu nota tat-test tal-Ftehim, kif ukoll tal-Annessi, il-Protokolli u d-Dikjarazzjonijiet meħmuża magħhom.

## Artikolu 2

L-Artikolu 107 tal-Ftehim huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 107

### **Testijiet awtentiċi**

Dan il-Ftehim huwa mfassal fżewg kopji bl-ilsien Bulgaru, Kroat, Ċek, Daniż, Olandiż, Ingliż, Estonjan, Finlandiż, Franċiż, Ġermaniż, Grieg, Ungeriż, Taljan, Latvjan, Litwan, Malti, Pollakk, Portugiż, Rumen, Slovakk, Sloven, Spanjol u Żvediż, b'kull test ugħalment awtentiku.”.

## Artikolu 3

L-Unjoni għandha tikkomunika l-verżjoni tal-lingwa Kroata tal-Ftehim lir-Repubblika tal-Kamerun.

#### Artikolu 4

1. Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim għandhom japplikaw għall-merkanzija esportata mir-Repubblika tal-Kamerun lejn ir-Repubblika tal-Kroazja jew mir-Repubblika tal-Kroazja lejn ir-Repubblika tal-Kamerun li tikkonforma mar-regoli tal-oriġini fis-seħħ fit-territorju tal-Partijiet tal-Ftehim u li, fl-4 ta' Awwissu 2014, kienet fi tranżitu jew fhażna temporanja, f-depost doganali jew f'żona ħielsa fir-Repubblika tal-Kamerun jew fir-Repubblika tal-Kroazja.

2. It-trattament preferenzjali għandu jingħata fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, dment li tiġi sottomessa prova tal-oriġini maħruġa b'mod retroattiv mill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż esportatur lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż importatur, fi żmien erba' xħur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

#### Artikolu 5

Ir-Repubblika tal-Kamerun timpenja ruħha li ma tressaq l-ebda pretensjoni, talba jew referenza u lanqas tibdel jew tirtira xi konċessjoni skont l-Artikolu XXIV.6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 jew l-Artikolu XXI tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS) fdak li jikkonċerna l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea.

#### Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-iffirmar tagħha.

Madankollu, l-Artikoli 3 u 4 għandhom japplikaw mill-4 ta' Awwissu 2014.

Magħmul fi Yaoundé, it-18 ta' Frar 2019.

Għar-Repubblika tal-Kamerun  
Alamine OUSMANE MEY

Għall-Unjoni Ewropea  
Cecilia MALMSTRÖM